MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 869/1997/1

**Eutemio u Maria Dolores konjugi Vella**

**vs**

**Edward Caruana**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Premess illi fit-12 ta' Frar, 1995 l-attur Eutemio Vella korra meta huwa kien jinsab niezel minn parti tal-bini li jippossjedi l-konvenut f'Wied il-Kbir, Hal-Qormi permezz ta' habel maghmul mill-istess konvenut, u dan peress illi l-

attur waqa' mill-gholi fejn kien jinsab hu u niezel kif spjegat;

Premess illi bhala rizultat ta' l-incident li gara l-attur Eutemio Vella sofra d-danni, komprizi d-danni li huma konsegwenza ta' dizabilita' permanenti li huwa garrab, ghall-liema ncident u danni konsegwenzjali jahti l-konvenut minhabba mperizja u nuqqas tat-tehid tal-prekawzjonijiet rikjesti;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident li gara fit-12 ta' Frar 1995 f'liema ncident korra l-attur Eutemio Vella kif fuq spjegat;

2. Tillikwida d-danni konsegwenzjali ghall-incident hawn imsemmi; u

3. Tordna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni li jigu hekk likwidati;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Settembru, 1996, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat d-Dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa:

(1) Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih stante li huwa bl-ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident imsemmi li fih allegatament sofra danni Eutemio Vella.

(2) Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet a fol 25 li bih gie nominat Mr.Charles Grixti bhala espert mediku;

Rat ir-rapport tal-espert mediku a fol 46 et seq;

Semghet lill Avukat difensuri jittrattaw;

**Fuqhiex inhi l-kawza**

Din il-kawza tirrigwarda incident li fih korra l-attur fit-12 ta' Frar 1995 meta kien qed jixxabbat (*abseiling*) ma' l-irdum ta' Wied il-Kbir, Qormi fil-propjreta' ta' Edward Caruana.

**PROVI**

Mill-provi prodotti jirrizulta li dak inhar ta' l-incident kienu qeghdin jixxabbtu mal-blat meta gara l-incident, Keith Darmanin li kien niezel fuq habel bil-*harness*, u l-attur li kien niezel fuq habel iehor bil-*harness* ukoll, u fuq l-istess habel li fuqu kien hemm l-attur, nizel ukoll il-konvenut warajh billi dan ried jaccerta ruhhu dwar l-ghoqda li kien se jaghmel l-attur bhala gonta ghal habel li kien fuqu billi dana ma kienx jasal sa l-art. L-attur u l-konvenut taw versjoni konfliggenti dwar min ghamel il-gonta fil-habel li kienu fuqu.

L-attur xehed li l-konvenut kien pprovvda l-apparat u l-hbula biex jinzlu u li l-ghoqiedi kellu jorbothom il-konvenut. Hu kellu struzzjonijiet biex jieqaf fin-nofs l-irdum biex jinzel il-konvenut warajh u jzid bicca habel iehor mal-kumplament sabiex ikompli jinzel s'isfel. Ghamel hekk u stenna lill konvenut u dan gie u rabat ghoqda u qabbadlu l-ganc tal-*harness* tieghu mat tieni parti tal-habel u qallu biex jinzel. Meta qabez l-ghoqda inhallet u waqa l-isfel gholi ta' xi tmien metri u spicca b'zewg polzijiet miksurin. L-attur jghid li hu ma jafx jaghmel ghoqod u jaf li l-*abseiling* hu perikoluz.

Il-konvenut xehed li dak inhar hu ma kienx bi hsiebu jinzel *abseiling* tant li lanqas kellu hbula ppreparati. Is-soltu hu

jipprepara l-hbula u jorbothom u jinzel hu stess qabel biex jipprovahom imbaghad jinzlu hbiebu. Dak inhar kellu tlett hbula, gonta u zewg *harnesses*. Kien rabat dawn it-tliet hbula ma’ holqa fuq l-irdum. Zewg hbula kienu jwasslu sa isfel nett waqt li habel iehor ma kienx jasal sa isfel u kellu bzonn ta’ gonta. Keith Darmanin nizel b’habel li kien iwassal sa isfel mentri Vella ha l-habel li kellu bzonn il-gonta. Vella ha mieghu l-gonta sabiex meta jasal f’tarf il-habel u jorbot l-istess gonta mal-habel biex jasal sa isfel. Hu nizel fuq l-istess habel ta’ Vella billi ma kienx jafda lill Vella bl-irbit tal-gonta.

Dwar l-incident il-konvenut ikompli hekk:

*Nghid li kif wasalt sa hdejn Eutemio indunajt illi hu kien diga rabat l-ghoqda hu stess u kien staqsieni jekk kienx kollox sew. Niftakar illi jiena kont gbidt iz-zewg ihbula kontra xulxin biex niccekkjalhom is-sahha u dawn dehru sewwa. Kif ghidtlu hekk Eutemio rega beda bl-inzul tieghu u f’dak il-hin zelqet l-ghoqda minn mal habel illi kien marbut ma fuq u Eutemio spicca waqa’ gholi ta’ xi zewg sulari.*

Ighid li fl-ebda waqt hu ma rabat il-gonta ghaliex din kienet lesta marbuta kif wasal fejn Eutemio. Hu giebed biss iz-zewg hbula kontra xulxin biex jara li kienu marbutin sew. Dak il hin deherlu li kienu marbutin sew.

Dwar fejn kienu meta gara l-incident il-konvenut jghid li:

*Kienu fuq l-istess habel, hu kien qieghed isfel u jien kont qieghed zewg passi il-fuq minnu, jigifieri minn fuq ghal isfel. Iccekkjajtha ftit, ghidtlu jekk inti lest u rbatt, inzel…. Fejn xulxin ma stajniex noqoghdu. Jien kont fuqu.*

Il-mara u t-tfal ta’ l-attur jikkonfermaw li kien il-konvenut li ghamel l-ghoqda fil-habel li fuqu kien marbut l-attur. Ix-xhieda Lee Bromidge u John Chetcuti ma setghux jitfghu dawl dwar min kien ghamel l-ghoqda.

**KONTESTAZZJONI**

L-attur qed jikkontendi li r-responsabilita’ ghall incident kienet tal-konvenut li kien ipprovvda l-apparat (*harness* u hbula) biex jinzlu. Ghalkemm il-konvenut qed isostni li hu kien jghidilhom li kienu qed imorru hemm fuq responsabilita’ taghhom stess u li hu ma kien qed jerfa ebda responsabilita’ ghalihom, il-konvenut, li jghid li ma kienx jafda lill attur bil-hbula, ma messux, bil-livell ta’ gharfien li kellu fuq hbula u ghoqod, jassigurah li l-ghoqda kienet tajba u li kollox kien sew u li setgha jaqbez.

Il-konvenut qed jissottometti li l-attur minn rajh dahal biex iwettaq xi haga perikoluza (*abseiling*) u ma jistax issa jdur fuq haddiehor biex id-danni li sofra jaghddihom fuq haddiehor. Ighid li kull ma ghamel huwa li kien qed izomm lilu nnifsu fuq il-habel meta kien fuq l-attur, u b’id wahda b’saqjah iserrhu fuq ix-xiefer, u bl-id l-ohra ta gibda lil ghoqda li kien ghamel l-attur u meta l-ghoqda ma nhallitx, qal lill attur li setgha jkompli jinzel u mbaghad gara l-incident.

**Konsiderazzjonijiet**

**Negligenza**

Fil-kaz ta’ kulpa akwiljana, kif inhu dan il-kaz, “kull wiehed iwiegeb ghall-hsara illi tigri bi htija tieghu” (Art 1031 tal-Kap 16). Il-lezjoni tad-dritt tobbliga lill-awtur ta’ l-istess lezjoni ghar-rizarciment tad-danni kagjonati. Hu xoghol tal-Qorti li mill-indagini u ezami tal-provi akkwiziti tindividwalizza din ir-responsabilita’.

“Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja” (Art 1032 (1), Kap 16). Dan ifisser illi wiehed irid jorbot l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta’ diligenza mar-rekwizit tal-prevedibilita` ta’ l-event dannuz. “Prevedibilita` din li trid tkun ta’ probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta’ possibilitajiet remotissimi u inverosimili” (Kollez Vol XLVIII pI p258; dwar il-kuncett ta’ prevedibbilita’ ara Falco Trans Ltd vs The Cargo Handling Co. Ltd 9 ta’ Mejju 2007 App.)

**Ezoneru**

Fil-kaz in ezami l-konvenut qed jissottometti li hu kien qal lill hbieb tieghu fosthom lill-attur li riedu jaghmlu *abseiling* li huma kienu qed imorru hemm fuq responsabilita' taghhom u li ma kienx qed jerfa responsabilita' ghalihom.

Illi meta tigi mressqa difiza ta' rresponsabilita' bhal dik in ezami, din ma tezimix lill dak li jkun mid-dolo, mill-kolpa gravi, ekwiparata ghad-dolo, u mill-kolpa ljevi, li tigi riskontrata meta jkun hemm ommissjoni ta' dak il-grad normali ta' diligenza li trid l-ligi ( Art 1132 Kodici Civili; sentenza Kumm. Borg vs Calascione 25.5.61 u App Bonnici vs Phoenicia Hotel Co Ltd12/1/2005).

Ghalhekk il-Qorti trid tezamina jekk kienx hemm negligenza da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti jew mit-tnejn u n-ness li kien hemm bejn l-att kolpuz u l-event dannuz. Hu rikjest li sabiex ikun hemm lok ghad danni, li jkun hemm in-ness ta' kawzalita' bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza (Vol. XLIV p.1 p.343).

***Volenti non fit iniuria***

Il-konvenut qed jissottometti wkoll li l-attur kien jaf li qed jaghmel sport perikoluz u la dahal ghaliha irid joghod ghaliha u ma jista' jwahhal f'hadd. Hu hawnhekk qed jaghmel referenza ghall-principju legali "*volenti non fit iniuria*", fejn fi kliem Charlesworth ("On Negligence", 5th Ed., pagna 364), wiehed "*freely and voluntarily with full knowledge of the nature and extent of the risk he ran impliedly agreed to incur it*" u "*A person who makes an agreement with another, either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run.*" (ara "Doreen Fenech –vs- Francis Agius", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Marzu 1997 u sentenzi imsemmija fin-nota ta' riferenzi tal-konvenut.)

Kif spjegat il-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza A. Caruana vs O. Camilleri 27/2/2004 u b’riferenza ghas-sentenza *Paul Vassallo et vs Carmelo Pace 5/3/86 LXX ii p 143:*

*‘il-massima hija* ***volenti non fit iniuria*** *u mhux* ***scienti non fit iniuria****. Kif ighid ic-Charlesworth, op. cit. Pagna 498: ‘… the first point is that the Courts will not find the existence of an implied agreement unless the person who is alleged to have made it had full knowledge of the nature and extent of the risk to be run. The other point is that although plaintiff had full knowledge of the nature and extent of the risk and, with that knowledge, in fact incurred it, he will not be prevented from recovering unless the circumstances are such as to show that in incurring the risk he did it on the terms that the loss should fall on him and not on some other person. This is because, as has often been pointed out, the maxim is* ***volenti non fit iniuria*** *and not* ***scienti non fit iniuria****. Knowledge of the risk is therefore only one of the elements which has to be taken taken into account in deciding whether the inference that the plaintiff agreed to take the risk upon himself can be drawn*’.

Fil-kaz in ezami ghalkemm l-attur kien jaf li kien qed jipprattika sport perikoluz ma jistax jinghad li kien hemm xi ftehim espress bejn l-attur u l-konvenut li huwa se jiehu riskju fuqu u lanqas ma kien hemm xi ftehim tacitu biex l-attur jassumi l-imsemmi riskju. Biex ikun hemm dan il-ftehim tacitu jehtieg li jigi ppruvat li l-attur kien jaf bin-natura u estensjoni tar-riskju li kien qed jassumi u li jigi ppruvat ukoll li meta assuma dan ir-riskju, huwa ghamel dan bil-ftehim li r-riskju jaqa’ fuqha u mhux fuq haddiehor.

Jirrizulta f’dan il-kaz li skond ix-xhieda ta’ l-attur l-konvenut kien qallhom li hu kellu jipprovvdilhom bl-apparat biex jinzlu u kien lest li jnizzilhom mal-blat tal-post tieghu pero’ kellu jkun il-konvenut li jiddeciedi jekk jinzlux jew le u li l-ghoqiedi jorbothom hu. Altru milli l-attur ftiehem li jiehu r-riskju fuqu.

**Kif gara l-incident**

Sorvolati dawn il-punti ta’ difiza tal-konvenut dwar l-ezoneru mir-responsabilita’, il-punt principali f’dan l-incident hu dwar min kien ghamel il-gonta fil-habel li fuqu kien l-attur qabel waqa’ u dana billi rrizulta li dina l-gonta ma saritx tajjeb ghax meta l-attur qabez dina nhallet u l-attur baqa’ niezel l-isfel zewg sulari u korra.

L-attur u l-konvenut huma z-zewg persuni li jistghu jghidu ezattament x’gara u min minnhom kien ghamel l-ghoqda, izda mill-provi jirrizulta li wiehed qed iwahhal fl-iehor. Il-Qorti ezaminat anke dak li xehdu l-persuni li kienu prezenti, ghalkemm ftit il-boghod minn fejn gara l-incident, imma ma tistax tasal ghal xi tip ta’ konkluzzjoni mix-xhieda taghhom. Fix-xhieda ta’ Bromidge u Chetcuti ma jidhirx li huma raw min ghamel l-ghoqda. Il-mara u t-tfal ta’ l-attur jghidu li l-ghoqda ghamilha l-konvenut izda billi l-konvenut xehed ukoll li hu kien iccekkja l-habel b’idu u li gibed iz-zewg hbula kontra xulxin (ara fol 73) mhux eskluz li billi l-mara u t-tfal ta’ l-attur kienu ftit il-boghod huma setghu hasbu li dan il-moviment li kien qed jaghmel il-konvenut kien li qed jaghmel-ghoda meta fil-fatt kien biss qed jiccekkjaha.

Dwar dak li gara bejn il-partijiet involuti, l-attur jghid li hu kien nizel qabel il-konvenut u kellu struzzjonijiet li jieqaf fin-nofs l-irdum biex jinzel il-konvenut warajh u jzid bicca habel iehor mal-kumplament sabiex ikompli jinzel. Hu nizel, stenna lill konvenut u dan gie u rabat ghoqda u qabbadlu l-ganc tal-*harness* tieghu mat tieni parti tal-habel u qallu biex jinzel u hekk ghamel u waqa’.

Il-konvenut jghid li l-attur nizel qablu u ha mieghu l-gonta sabiex waqt li jkun wasal f’tarfu jorbot l-istess gonta mal-habel biex jasal s’isfel. Hu mbaghad nizel fuq l-istess habel billi ma kienx jafdah lill Vella bl-irbit tal-gonta. Meta wasal hdejn Vella sab li dan kien diga rabat l-ghoqda u staqsih jekk kienx kollox sew. Jiftakar illi kien gibed iz-zewg ihbula kontra xulxin biex niccekkjalhom is-sahha u dawn dehru sewwa. Kif qallu hekk, Vella rega beda bl-inzul tieghu u f’dak il-hin zelqet l-ghoqda minn mal habel u Vella spicca waqa’ gholi ta’ xi zewg sulari.

Din ix-xhieda tikkuntrasta ma' dak li qed jissottometti l-konvenut fit-trattazzjoni fis-sens li ma jistax jkun li hu ghamel l-ghoqda ghax fil-posizzjoni li kien minghajr *harness* u bil-habel f'idejn hu ma setghax jaghmel l-ghoda ghax jekk jerhi l-habel kien jaqa isfel. Inotlre il-konvenut qed jirritjeni ukoll li ma kienx hemm spazju fejn huma t-tnejn setghu joqghodu fuq l-irdum biex hu setgha jaghmel l-ghoqda. Fil-fatt pero' jirrizulta mill-affidavit ta' l-istess konvenut li dan mhux hekk ghax hu jghid li '*jekk inti tkun nizel bil-hbula u tkun trid taghmel gonta tista* *<u>facilment</u>* *tinzel tistrieh mal-irdum jew tpoggi fuq xi* *<u>bicca wiesa mtarrga</u>* *sabiex taghmel dak li jkollok bzonn'.* Inoltre jirrizulta mill-istess affidavit tal konvenut (fol 73) li hu kien f'posizzjoni tali, meta gie fejn l-attur, li jigbed <u>iz-zewgt ihbula kontra xulxin</u> biex jiccekkjalhom is-sahha u sab li dawn kienu sewwa. Il-konvenut jippreciza li meta wasal hdjen l-attur hu sab li dan kien diga rabat l-ghoqda.

Il-Qorti fic-cirkostanzi hi tal-fehma li ma tistax teskludi li l-ghoqda setgha ghamilha l-attur imma hu konfermat mill-provi li l-konvenut kien iccekkja l-ghoqda u assikura lill attur li kollox kien sew u li setgha jaqbez. Ghalhekk anke jekk il-Qorti kellha taccetta li l-ghodqa ghamilha l-attur, il-Qorti thoss li l-konvenut kien responsabbili billi kien pprovvda l-apparat (*harness* u hbula) li bihom l-attur kellu jinzel u kien kien iccekkja l-habel u l-ghoqda u assikura l-attur li kollox kien sew.  Inoltre l-konvenut kien jaf illi l-attur ma kienx intiz fl-irbit ta' hbula tant li stqarr li hu ma kienx jafda lill attur bil-hbula u ghalhekk nizel warajh biex jiccekkjah. Il-konvenut kien fid-dover li bil-livell ta' gharfien li kellu dwar il-hbula hu jara u jassigura li l-ghoqda kienet sewwa biex ma jinqalghux incidenti. Il-konvenut jghid li ccekkjaha l-ghoqda u sab li kienet sewwa meta fil-fatt ma kinitx ghax l-attur waqa' l-isfel.

Ghalhekk il-htija principali ghall-akkadut kienet tal-konvenut. Il-Qorti pero' trid tara ukoll jekk kienx hemm xi negligenza kontributorja da parti ta' l-attur.

**Negligenza Kontributorja**

Il-ligi tipprospetta il-kaz ta’ negligenza kontributorja da parti tad-danneggjat, u tirrendi responsabbli ta’ din in-negligneza lil kull min, b’nuqqas ta’ prudenza, ta’ diligenza jew ta’ hsieb, ikun ikkontribwixxa jew ta’ okkazjoni ghall-hsara “*qui culpa sua damnum sentit non intelligitur damnum sentire”* li tinsab preveduta fl-artikolu 1051.

In-negligenza kontributorja hi n-nuqqas ta’ min ma jiehux hsieb ragonevoli ghas-sikurezza tal-persuna tieghu. Fil-kaz  Nance v British Colmbia Elec.Ry.(1951) All.E.R. 488, P.C. kien gie deciz li:-

"*When contributory negligence is set up as a defense, its existence does not depend on any duty owed by the injured party to the party sued, and all that is necessary to establish such a defense is to prove.... that the injured party did not in his own interests take reasonable care of himself and contributed, by his want of care, to his own injury".*

F’kaz iehor Jones vs Livox (1952)  1 T.L.R 1377 intqal:-

"*Contributory negligence does not depend on a duty of care, it depends on foreseeability.  Just as actionable negligence requires the foreseeability of harm to others, so contributory negligence requires the forseeability of harm to oneself*..."

Fil-kaz in ezami l-incident li gara kien prevedibbli sa certu punt ghall-attur u ghalhekk kien hemm negligenza kontributorja da parti tieghu. Jidher mix-xhieda li l-attur ukoll kellhu x’jaqsam mal-gonta li nhallet. Hu kien accetta li jinzel fuq dan il-habel li ma kienx ilahhaq s’isfel u kien jaf li kellu bzonn gonta u ghazel li jinzel minnu. Inoltre l-attur u shabu kienu jafu li l-isport li kienu qed jipprattikaw kien wiehed perikoluz.

Ghalhekk il-konvenut hu responsabbili ghall incident ukoll pero’ fi grad inqas mill-konvenut.

**Danni**

L-attur ezebixxa kopja tar-Rapport Mediku rilaxxat minn Dr. F. Zammit Maempel (a fol 13) li kien ezamina lill-attur u sab li b'konsegwenza ghall-incident fejn l-attur kien waqa Hal Qormi fit-12 ta' Frar 1995 sofra ksur fil-polza ta' l-id leminija u xellugija. Fl- opinjoni tieghu l-attur sofra dizabilita' permanenti ta' 18%.

Mr. Charles Grixti, nominat minn dina l-Qorti ezamina lill-attur erba' snin wara l-gurnata ta' l-incident u fl-opinjoni tieghu il-hsara li sofra l-attur twassal ghal dizabilita' permanenti ta' 8 %. L-espert gie eskuss fil-Qorti u spjega ghaliex hemm dik id-differenza bejn iz-zewg persentaggi.

**Lucrum cessans**

L-attur kellu 35 sena meta korra u kien jahdem bhala clerk. F'sena kien jaqla (Lm5,329) u mis-sena 2003 il-paga kellha tizdied ghal (Lm5,871). Ghalhekk in vista taz-zidiet ghal gholi tal-hajja, il-Qorti  se tiehu l-figura ta' Lm6,000 bhala *basic pay*.

Bhal hajja lavorativa il-Qorti se tiehu *multiplier* ta' 22 sena (biex tiehu in konsiderazzjoni ic-*changes and chances* tal-hajja) li jgibu Lm6,000 x 22 =  (Lm132,000).

Bid-dizabilita' fizika ta' 8% igib il-figura ta' (Lm10,560).

In vista li l-kawza giet prezentata  fil-1997 u l-kawza qed tinqata' fit-2008 fil-prim istanza mhux il-kaz li jsir tnaqqis ghal *lump-sum payment* billi diga ghaddew kwazi hdax il-sena.

L-attur ghandu jbati terz mit-tort li jgibu ghalhekk l-ammont li jista' jitlob huma ta'  **Lm7,040.**

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi:
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa' t-talba attrici
Tiddikjara li kemm l-attur kif ukoll il-konvenut huwa responsabbli ghall-incident li gara fit-12 ta' Frar 1995

f'liema ncident korra l-attur Eutemio Vella kif fuq spjegat fil-kwoti ta' terz ghall attur u zewg terzi ghall konvenut;
Tillikwida d-danni konsegwenzjali ghall-incident fl-ammont ta' ghal sittax il-elf tlett mija tmienja u disghin euro u disgha u sebghin centezmi (Euro 16,398.79) (ekwivalenti Lm7,040)
Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni hekk likwidati;
L-ispejjez jithallsu skond ir-rebh u telf bejn il-partijiet.
Bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------